ITTRA ENĊIKLIKA

# FRATELLI TUTTI

Tal-Qdusija Tiegħu Franġisku

Fuq il-Fraternità u l-ħbiberija soċjali

## X'INHI?

It-tielet enċiklika tal-Papa Franġisku, wara l-***Lumen fidei*** (2013) u l-***Laudato si'*** (2015).

Ġiet iffirmata fit-3 ta' Ottubru 2020 f'Assisi.

## FUQIEX HI MSEJSA?

- Kwistjonijiet marbuta mal-fraternità u l-ħbiberija soċjali li kienu fit-tħassib tal-Papa f'dawn l-aħħar snin.
- Temi esposti fid-*Dokument fuq il-fratellanza umana għall-paċi fid-dinja u l-konvivenza komuni* ffirmat mal-Imam il-Kbir Ahmad Al-Tayyeb fi Frar 2019.

## LIL MIN HI INDIRIZZATA?

Lill-bnedmin kollha li jixtiequ jagħmlu minn din ir-riflessjoni ftuħ għad-djalogu.

## KIF INHI MQASSMA L-ENĊIKLIKA?

- ***Fratelli tutti*** hi magħmula minn introduzzjoni ġenerali u tmien kapitli.

**Introduzzjoni**
**Kapitlu 1:** Id-dellijiet ta' dinja magħluqa
**Kapitlu 2:** Barrani fit-triq
**Kapitlu 3:** Naħsbu u nnisslu dinja miftuħa
**Kapitlu 4:** Qalb miftuħa għad-dinja kollha
**Kapitlu 5:** L-aħjar politika
**Kapitlu 6:** Djalogu u ħbiberija soċjali
**Kapitlu 7:** Toroq għal laqgħa ġdida
**Kapitlu 8:** Ir-reliġjonijiet għas-servizz tal-fraternità fid-dinja

## X'QED TIPPROPONI?

- Hija enċiklika soċjali ddedikata lill-fraternità u l-ħbiberija soċjali.
- Tittratta d-dimensjoni universali tad-duttrina fuq l-imħabba tal-aħwa.
- Nirriflettu biex nirreaġixxu b'ħolma ġdida ta' fraternità u ta' ħbiberija soċjali.
- Noħolmu bħala umanità waħda, bħal vjaġġaturi fuq din l-art li lkoll magħmulin mill-istess demm u laħam.

## MNEJN ĠEJ IT-TITLU?

- ***Fratelli tutti*** hi espressjoni ta' San Franġisk ta' Assisi (Admonitiones, 6, 1).
- Il-qaddis użaha biex jipproponi għamla ta' ħajja b'togħma tal-Vanġelu.
- San Franġisk stieden lil kulħadd, irġiel u nisa, għal imħabba li tmur lil hemm mill-ġografija u l-ispazju.

**TALBA KRISTJANA EKUMENIKA**

"Ejja, Spirtu s-Santu! Urina l-ġmiel tiegħek li jilma fil-ġnus kollha tal-art, biex niskopru li lkoll aħna importanti, li kulħadd hu meħtieġ, li huma wċuħ differenti tal-istess umanità maħbuba minn Alla".

**Amen.**

ITTRA ENĊIKLIKA

# FRATELLI TUTTI

Tal-Qdusija Tiegħu Franġisku

Fuq il-Fraternità u l-ħbiberija soċjali

## ID-DELLIJIET TA' DINJA MAGĦLUQA

*Il-Papa Franġisku josserva t-tendenzi li qed jagħmlu ħsara lill-fraternità universali.*

**"Is-soċjetà dejjem iżjed globalizzata tqarribna lejn xulxin, imma ma tagħmilniex aħwa"**



### LIEMA HUMA L-ASPETTI LI FIHOM NISTGĦU NOSSERVAW ID-DELLIJIET TA' DINJA MAGĦLUQA?

- In-nuqqas ta' tama u l-qtigħ il-qalb miżrugħa fis-soċjetà.
- Il-polarizzazzjonijiet li ma jseddqux id-djalogu u l-konvivenza.
- Il-persuni li jidhru "sagrifikabbli" u jiġu mormija.
- In-nuqqas ta' ugwaljanza fid-drittijiet u x-xejriet ġodda ta' jasar.
- Id-deterjorament fl-etika u d-dgħajfien tal-valuri spiritwali.

ILLUM QED NASSISTU GĦALL-MANIPULAZZJONI TAL-KELMIET KBAR:

**LIBERTÀ** ĠUSTIZZJA

DEMOKRAZIJA GĦAQDA

QUDDIEM DAN KOLLU, *FRATELLI TUTTI* TURINA LI

**"It-triq hija l-qrubija u l-kultura tal-laqgħa"**



Alla jkompli jiżra' fl-umanità ż-żerriegħa tat-tajjeb.



It-tajjeb, l-imħabba, il-ġustizzja u s-solidarjetà kuljum irridu nfittxuhom.



It-tama taf tara lil hemm mill-kumdità li tjassarna, u hekk nistgħu ninfetħu għal ideali għoljin.

ITTRA ENĊIKLIKA

# FRATELLI TUTTI

Tal-Qdusija Tiegħu Franġisku

Fuq il-Fraternità u l-ħbiberija soċjali

## BARRANI FIT-TRIQ

**LIEMA HUMA L-PERSUNAĠĠI L-OĦRA PREŻENTI FIL-PARABBOLA TAS-SAMARITAN IT-TAJJEB?**

- IL-ĦALLELIN
- DAWK LI JIBQGĦU GĦADDEJJIN
- IR-RAĠEL MITLUQ U MIĠRUĦ

**Quddiem din is-sitwazzjoni, *Fratelli tutti* qed tisfidana:**

**?**

**Ma' min tidentifika ruħek?**
**Min hu l-proxxmu tiegħek?**



"Ġesù mhux isejħilna biex nistaqsu min hu l-proxxmu tagħna, imma biex insiru aħna proxxmu għall-oħrajn".

*Fratelli tutti* qed issejħilna biex inkunu parti attiva fir-riabilitazzjoni tas-soċjetajiet miġruħa.

ILLUM L-ISTORJA TAS-SAMARITAN IT-TAJJEB QED TIRREPETI RUĦHA:

1. Id-determiniżmu jew fataliżmu jippretendi li jista' jiġġustifika l-indifferenza.
2. Is-soċjetà tendenzjalment ma jimpurtahiex mill-oħrajn.
3. Id-dinja tippermetti l-esklużjoni.
4. Qed naraw indifferenza soċjali u politika.

L-imħabba ma toqgħodx tara jekk ħuha l-miġruħ hux ġej minn dan jew dak il-post:



**L-IMĦABBA TKISSER IL-KTAJJEN U TIBNI PONTIJIET.**

**SE TIBQA' GĦADDEJ JEW SE TIEQAF QUDDIEM IL-MIĠRUĦA MATUL IT-TRIQ?**

Quddiem tant tbatija, tant ġrieħi, l-unika soluzzjoni hi li nkunu bħas-Samaritan it-tajjeb.

# NAĦSBU U NNISSLU DINJA MIFTUĦA

## Ġesù qalilna: *"Intom ilkoll aħwa"* (Mt 23:8)

**Is-sejħa għall-fraternità universali titlobna:**

- Il-bniedem isib il-milja tiegħu meta jingħata għall-oħrajn.
- L-imħabba titlob minna ħila ikbar li nilqgħu lill-oħrajn, nintegraw il-periferiji.
- L-imħabba li titwessa' lil hemm mill-fruntieri għandha fil-bażi tagħha "l-ħbiberija soċjali".



## NIPPROMOVU T-TAJJEB IFISSER INSEDDQU L-VALURI LI JWASSLU GĦAL ŻVILUPP UMAN INTEGRALI

**Kif nistgħu naslu għalih?**

- ✓ Naħsbu u naġixxu bħala komunità.
- ✓ Neħduha kontra l-kawżi strutturali tal-faqar u tan-nuqqas ta' ugwaljanza.
- ✓ Nesiġu Stat preżenti u attiv, li jinvesti b'risq il-persuni dgħajfin.
- ✓ Niżguraw li ħadd ma jitħalla barra.
- ✓ Infittxu paċi fit-tul imsejsa fuq etika globali ta' solidarjetà u servizz.

*[ Kull persuna hi prezzjuża u għandha d-dritt li tgħix b'dinjità. ]*

# QALB MIFTUĦA GĦAD-DINJA KOLLHA

## LIEMA MIŻURI JWASSLU GĦALL-FRATERNITÀ UNIVERSALI?

1. Nilqgħu, inħarsu, nippromovu u nintegraw il-persuni migranti u l-emarġinati kollha.
2. Inżidu l-għarfien li, jew insalvaw kollha jew ma jsalva ħadd.
3. Infittxu ordni dinji ġuridiku, politiku u ekonomiku li jfittex l-iżvilupp solidali tal-popli kollha.

### X'inhi l-gratwità?

- Tagħmel xi ħaġa għax fiha nfisha hija tajba.
- Taġixxi mingħajr ma tittama li tikseb gwadann minn xi ħaġa jew li jpattulek lura.
- Tinkludi lill-barranin kollha, mhux biss dawk li jġibu benefiċċji tanġibbli.



"Il-kwalità vera tal-bosta pajjiżi tad-dinja titkejjel skont kemm kapaċi jaħsbu wkoll bħala familja umana. Alla dejjem jagħti b'xejn".

### Kull kultura b'saħħitha hi min-natura tagħha miftuħa u akkoljenti:

Li niftħu moħħna u qalbna, dan jgħinna nifhmu lil min hu differenti minna.

Fil-komunjoni universali kull grupp ta' bnedmin isib il-ġmiel tiegħu.

Il-bniedem hu l-essri limitat li m'għandux limiti.

Kapaċi ninfetħu għal ta' maġenbna f'familja ta' nazzjonijiet?

# L-AĦJAR POLITIKA

***"L-imħabba, skont it-tagħlim ta' Ġesù, hija l-ġabra tal-Liġi kollha"*** **(ara Mt 22:36-40)**

## Fiex tikkonsisti politika tajba?

- Qiegħda hemm għas-servizz tal-ġid komuni.
- Ma tfittixx biss kif ħa tiżgura li ġġib il-voti.
- Tgħin lill-persuni jikbru.
- Tippromovi ekonomija b'risq id-diversità produttiva u l-kreattività intraprenditorjali.
- Taħseb b'viżjoni wiesgħa u tinkludi djalogu interdixxiplinari.

***FRATELLI TUTTI*** TISTIEDEN GĦAL ORDNI SOĊJALI U POLITIKU LI R-RUĦ TIEGĦU HI L-KARITÀ SOĊJALI:

- Tgħinna nimxu 'l quddiem lejn ċiviltà tal-imħabba li għaliha aħna msejħin.
- Tagħraf li kull bniedem hu ħuna u oħtna, u tinkludi lil kulħadd.
- Il-karità għandha bżonn tad-dawl tal-verità, li hu wkoll dak tar-raġuni u tal-fidi.



**"Il-karità soċjali tridna nħobbu l-ġid komuni u nfittxu b'mod effettiv it-tajjeb f'kull persuna, fid-dimensjoni soċjali li tgħaqqadna flimkien."**

**Fl-attività politika, kull persuna hi qaddisa u jixirqilha r-rispett tagħna u d-dedikazzjoni tagħna:**

**"Jekk jirnexxielek tgħin imqar persuna waħda tgħix aħjar, dan diġà biżżejjed biex jiġġustifika d-don ta' ħajtek".**

# DJALOGU U ĦBIBERIJA SOĊJALI

## Xi jfisser "niddjalogaw"?

- NOQORBU LEJN XULXIN
- NESPRIMU RUĦNA
- NISIMGĦU LIL XULXIN
- INĦARSU LEJN XULXIN
- INSIRU NAFU LIL XULXIN
- NIPPRUVAW NIFHMU LIL XULXIN
- INFITTXU PUNTI TA' KUNTATT



### SKONT IL-KULTURA TAL-LAQGĦA:

**Minn kulħadd tista' titgħallem xi ħaġa, ħadd mhu bla siwi, ħadd ma jeżisti għalxejn.**

### SOĊJETÀ PLURALISTA LI TISTIEDEN GĦAD-DJALOGU:

1. Tirrispetta f'kull sitwazzjoni d-dinjità ta' ħaddieħor.
2. Tiġbor flimkien realtajiet differenti, waqt li tiggarantixxi paċi vera u sħiħa.
3. Tirrikonoxxi d-dritt ta' ħaddieħor li jkun hu, u terġa' tiskopri l-ġentilezza.

### Liema huma l-atteġġjamenti jew il-fatti li ma jgħinux għad-djalogu?

- L-aggressività li nistgħu naslu biex nuru, ngħidu aħna, fuq il-mezzi soċjali.
- Monologi li ma jiqfux biex jisimgħu lill-ieħor.
- Meta ngħaġġlu niskreditaw u dan b'mod umiljanti.

*"Id-djalogu soċjali awtentiku jippresupponi l-ħila li nirrispettaw il-fehma tal-persuna l-oħra".*

ITTRA ENĊIKLIKA
FRATELLI TUTTI
Tal-Qdusija Tiegħu Franġisku
Fuq il-Fraternità u l-ħbiberija soċjali

# TOROQ GĦAL LAQGĦA ĠDIDA

**FIL-MIXJIET TA' PAĊI, IL-PROĊESSI TA' LAQGĦA MĠEDDA HUMA TABILĦAQQ MEĦTIEĠA:**

- Fir-rikonċiljazzjoni vera.
- Fil-proġett komuni li ma jeqridx lill-individwu.
- F'li nagħfru, niggarantixxu u nerġgħu nibnu d-dinjità tal-persuni kollha.
- Fl-għażla favur l-iżjed foqra, imwarrba, mormija.
- F'li rroddu valur u nifhmu t-tifsira tal-maħfra.

**Ġesù qatt ma ħajjar għall-vjolenza jew l-intolleranza.**
**Il-Vanġelu jitlobna naħfru għal *"sebgħa u sebgħin darba"* (Mt 18:22)**

**IL-MAĦFRA VERA U R-RIKONĊILJAZZJONI VERA:**

- Jinkisbu fil-kunflitt, billi negħlbuh bid-djalogu.
- Jibqgħu lura minn għemejjel ta' tilwim u ta' mibegħda lejn xulxin.
- Jiffaċilitaw diskussjoni onesta, mibnija fuq l-imħabba għall-ġustizzja.
- Ma jfissrux li wieħed jinsa jew li l-ħażin ma jiġix ikkastigat.
- Ma jaqgħux fiċ-ċirku vizzjuż tal-vendetta.



*"Nitlob lil Alla jħejjilna qlubna għal-laqgħa ma' ħutna lil hemm mid-differenzi ta' ideat, ilsien, kultura, reliġjon".*

***IL-PAPA FRANĠISKU***

# IR-RELIĠJONIJIET GĦAS-SERVIZZ TAL-FRATERNITÀ FID-DINJA

## HU BISS JEKK NAGĦRFU LI AĦNA WLIED ILLI NISTGĦU NGĦIXU FIS-SLIEM

Id-diversi reliġjonijiet joffru sehem prezzjuż fil-bini tal-fraternità.

It-tiftix ta' Alla jgħinna nagħrfu li aħna sieħba fit-triq: **aħwa.**

Meta nċaħħdu mil-libertà tal-kuxjenza u tar-reliġjon inkunu nfaqqru lid-dinja.

## IL-KNISJA HIJA DAR BIL-BIBIEN TAGĦHA MIFTUĦA, GĦAX HI OMM:

1. Tibni l-pontijiet
2. Iġġarraf il-ħitan
3. Tiżra' r-rikonċiljazzjoni

## BEJN IR-RELIĠJONIJIET JISTA' JKUN HEMM MIXJA TA' PAĊI:

- Il-punt tat-tluq għandu jkun il-ħarsa ta' Alla, għax Alla jara l-qalb.
- Il-vjolenza ma ssib ebda fundament fil-konvinzjonijiet reliġjużi.
- Il-qima lejn Alla, sinċiera u umli, twassal għar-rispett lejn il-ħajja, id-dinjità u l-libertà.



*Il-mexxejja reliġjużi huma msejħin biex ikunu dawk li jiddjalogaw tassew: biex jaġixxu fil-bini tal-paċi bħala medjaturi awtentiċi.*

## TALBA KRISTJANA EKUMENIKA

Alla tagħna, Trinità ta' mħabba,
mill-komunjoni qawwija tal-intimità divina tiegħek
sawwab fostna x-xmara tal-imħabba fraterna.
Roddilna l-imħabba li dehret fil-ġesti ta' Ġesù,
fil-familja tiegħu ta' Nazaret u fl-ewwel komunità Nisranija.

Lilna l-Insara agħtina li ngħixu l-Vanġelu
u li nagħrfu lil Kristu f'kull bniedem,
biex nilmħuh mislub fit-tbatijiet tal-imwarrbin u tal-minsijin ta' din id-dinja
u rxoxt f'kull wieħed u waħda minn ħutna li jerġgħu jqumu fuq riġlejhom.

Ejja, Spirtu s-Santu!
Urina l-ġmiel tiegħek li jilma fil-ġnus kollha tal-art,
biex niskopru li lkoll aħna importanti, li kulħadd hu meħtieġ,
li huma wċuħ differenti tal-istess umanità maħbuba minn Alla.
Amen.